Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 298/2019

Il-Pulizija

Vs

Ryan Falzon

Illum 14 ta' Mejju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Ryan Falzon detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 247586M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar il-Gimgha 27 ta' Ottubru 2017 ghall-habta ta' 20.45hrs gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tan-Naxxar, li tinsab gewwa fond 6, Triq iz-Zenqa, Naxxar:

(1) Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat jew storbju.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jekk ikun il-kaz kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-30 ta' Ottubru, 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni u wissietu dwarha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Ryan Falzon, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Novembru 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-esponenti minn kull htija u piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Ryan Falzon huma s-segwenti u cioè:-

A. **<u>Dwar il-Ksur tal-Bon-Ordni u l-Kwiet tal-Pubbliku</u>**

L-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali jistipula illi:

> "Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra f'dan il-Kodici, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku"

Dwar din il-kontravenzjoni l-esponenti sejjer jaghmel referenza ghal sentenza tal-Qorti Kriminali[1] deciza nhar il-25 ta' Lulju, 1984 fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs Marianne Abela u Joseph Sant'</u>** fejn gie ritenut illi:

> *L-artikolu 352 (bb) (illum 338(dd) tal-Kodici Kriminali gie kostantement interpretat li jikkontempla fatti li jnehhu jew inaqqsu fic-cittadin l-opinjoni tas-sikurezza pubblika jew individwali; u ghalhekk fatti ta' natura ftit u xejn vjolenta, kommessi taht cirkostanzi tali*

[1] Per Onor. Imhallef H. Harding

*li direttament jew indirettament jistghu jikkonducu ghal reati ohrajn kontra l-persuni u s-semplici argumentar b'lehen gholi u xi ftit b'eccitazjoni ma jiksirx il-ligi. L-uzu tal-kelma "volontarjament" ghandha tfisser illi jkun fl-imputat il-koxxjenza almenu li l-att tieghu jkollu l-potenzjalita' li jikkrea storbju - koxxjenza li tista' tkun newtralizzata meta wiehed ikun fit-telfa ta' glieda.*

In oltre, dina l-Onorabbli Qorti f'sentenza deciza nhar l-20 ta' Mejju, 1993 fil-kawza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs Vincent Petroni'</u>** dwar din il-kontravenzjoni ghallmet illi:

*"Ghall-fini tal-kommissjoni tar-reat ta' ksur tal-ordni pubbliku, mhux bizejjed l-irvell u l-ghajat li jiddisturbaw lic-cittadin fl-okkupazzjoni ordinarja tieghu. Jehtieg li jkun hemm appresnjoni jew alarm fil-pubbliku."*

Dwar dan l-aspett ta' alarm fil-pubbliku, l-esponenti jaghmel referenza ghat-taghlim ta' Blackstone fejn l-istess gurista jghallem:

"In order to establish that a crime has been committed, it is necessary to establish the essential public nature of the nuisance. It is clear that not all the public need be affected. But it must be established that the act or omission was sufficiently widespread or indiscriminate as to amount to a public rather than a private nuisance. In A-G v PYA Quarries Ltd [1957] 2 QB 169, Romer LJ stated:

…any nuisance is public which materially affects the reasonable comfort and convenience of life of a class of her Majesty's subjects. The sphere of the nuisance may be described generally as 'the neighbourhood': but the question whether the local community within that sphere comprises sufficient number of persons to constitute a class of the public is a question of fact in every case. It is not necessary, in my judgement, to prove that every member of the class has been injuriously affected; it is sufficient to show that a representative cross-section of the class has been so affected for an injunction to issue."

Maghdud ma' dan wiehed ghandu jikkunsidra dak li ghallmet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Joseph Spiteri'[2],** ossia li:

> *Ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali u cjoe', r-reat ta' ksur volontarju tal-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku javvera ruhu meta jkun hemm dak li fil-common law Ingliza jissejjah "a breach of the peace". Din il-kontravvenzjoni tissussisti meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumnita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' propjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.*

Tenut kont tas-su espost dwar il-kuncett ta' '*breach of the peace'* liema kontravenzjoni hija msejsa fuq dik Ingliza, l-esponenti jaghmel referenza ghal Archbold fejn fit-taghlim tieghu dwar din il-kontravenzjoni jghallem:

> *'In R. v. Howell [1982] Q.B. 416, 73 Cf. App.R. 31, CA, it was held that there is a breach of the peace whenever harm is actually done or is likely to be done to a person or in his presence to his property or a person is in fear or being so harmed through an assault, an affray, a riot, unlawful assembly or other disturbance. Agitated or excited behaviour, not involving any injury of threat of injury, nor any verbal threat, is not capable of amounting to a breach of the peace: Jarrett v. Chief Constable of West Midlands Police, The Times, February 28, 2003, CA (Civ. Div.). And in Hawkes v. DPP [2006] 1 Archbold News 3, QBD (Newman J.) it was held that whilst language and an abusive and aggressive manner might justify an arrest on the ground of an apprehended breach of the peace, there had to be an incident of violence for an arrest to be justified on the ground that an actual breach of the peace had taken place; verbal abuse plus a refusal to get out of a police car did not amount to such an incident.'*

[2] Deciza nhar l-24 ta' Mejju, 1996 per Onor. Imhallef V. DeGaetano

Illi tenut kont ta' dan it-taghlim kemm tal-Qrati nostrana kif ukoll ta' guristi prominenti, l-esponenti jaghmel referenza ghall-provi prodotti quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti u sejjer janalizza kif a bazi tal-provi prodotti, fid-dawl tal-gurisprudenza, huwa ma setgha qatt jinstab hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Fil-mori ta' dawn il-proceduri xehed Peter Paul Cortis. Fil-konfront tal-esponenti, Peter Paul Cortis xehed illi "Ryan Falzon beda jghajjat" kif ukoll li "Ryan Falzon beda jghid li t-tifla ma ghandhiex fejn torqod u sabiex tal-Appogg jigu kkuntattjati." In kontro ezami, Peter Paul Cortis xehed illi "l-Pulizija bezghu minn Ryan Falzon"

In oltre Rita Cortis xehdet illi hekk kif l-esponenti dahal gewwa l-ghassa huwa beda jghajjat u jhedded. Madanakollu, meta mistoqsija aktar 'il quddiem fid-deposizzjoni taghha dwar il-kliem u l-ghajjat illi allegatament beda jghajjat l-appellant odjern, l-istess xhud tikkonferma ghal darba tnejn illi "insiet x'intqal"

Din l-istess verzjoni, ossia li l-esponenti beda jghajjat, tixhidha wkoll Daniela Falzon izda b'kumbinazzjoni ghall-ahhar l-istess xhud tikkonferma illi lanqas hi ma fehmet x'kien qieghed jinghad. Kulma tghidilna Daniela Falzon huwa illi "t-tifla kienet mbezza'" izda tonqos milli tghidilna ghalfejn din it-tifla kienet imbezza u effettivament ghadna sal-gurnata tal-lum ma nafux jekk effettivament din it-tifla kienet verament imbezza u jekk iva x'kienet ir-raguni wara din il-biza' ghax effettivament din it-tifla baqghet qatt ma xehdet. Illi konsegwentmant dak li xehdet Daniela Falzon f'dan ir-rigward mhux prova ammissibbli u konegwentament ma ghandu l-ebda piz probatorju.

Fl-istess proceduri xehed l-appellant li spjega bl-akbar dettal illi huwa dak in-nhar, ossia nhar is-27 ta' Ottubru, 2017 huwa mar gewwa l-ghassa tal-pulizija tan-Naxxar bhala r-rapprezentant legali ta' huh sabiex ikun jista' jsir rapport. Waqt li beda jispjega l-verzjoni lis-Surgent, kien hemm xi storbju u konsegwentment intalab jistenna barra sabiex l-ewwel tigi mitkellma Daniela Falzon, u l-esponenti hekk ghamel. L-appellant

jispjega illi ghalkemm kien hemm xi waqtiet fejn huwa gholla lehnu madanakollu dan sar stante li kien hemm l-istorbju u biex jinftiehem dan ma kellux alternattiva ghajr li jaghmel dan.

Applikat it-taghlim supra citat ghall-provi prodotti, jirrizulta bl-aktar mod car illi l-esponenti ma setgha qatt jinstab hati li volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan ghas-segwenti ragunijiet:

Primarjament kif jirrizulta mill-provi prodotti, is-sehem kollu tal-esponenti f'dan l-argument kien illi gholla lehnu - fatt ikkonfermat mix-xheida kollha prodotti. Bl-ebda mod ma gie allegat illi l-esponenti f'xi hin jew iehor hedded li jkun vjolenti jew ad-dirittura kien vjolenti. Mhux talli ma kienx vjolenti talli hu stess gie vjolentat u qalgha daqqa go ghajnejh – fatt li ukoll gie ikkonfermat mix-xhieda kollha, u minflok irribatta, zamm il-kalma u heggeg lill-ommu u lil huh sabiex jaghmlu l-istess.

Ghandu jigi mfakkar illi skont il-gurisprudenza *"s-semplici argumentar b'lehen gholi u xi ftit b'eccitazjoni ma jiksirx il-ligi"* kif ukoll li *"Ghall-fini tal-kommissjoni tar-reat ta' ksur tal-ordni pubbliku, mhux bizejjed l-irvell u l-ghajat li jiddisturbaw lic-cittadin fl-okkupazzjoni ordinarja tieghu."*

Tifli kemm tifli l-provi prodotti lanqas ma jirrizlta illi b'dan l-argumentar b'lehen gholi, Peter Paul Cortis, Daniela Falzon u Rita Cortis bezghu u thassbu "ghall-inkoluminta taghhom jew tal-propjeta' taghhom." Minflok ghazlu li jitkellmu ghal haddiehor u xehdu illi l-Pulizija u t-tifla kienu mbezzghin -pero lanqas dan ma jirrizulta. Ghax it-tifla baqghet qatt ma ngabet biex tixhed u l-Pulizija wisq anqas xehdu illi kienu mbezzghin b'dan is-semplici argumentar.

In oltre ghandu jigi nnutat illi sabiex persuna tinstab hatja illi kisret il-kwiet tal-pubbliku' jehtieg illi ssir distinzjoni bejn il-kwiet tal-pubbliku b'mod generali u dak ta' persuni specifici. Sabiex wiehed jinstab hati tal-imputazzjoni migjuba kontra l-

esponenti, kien mehtieg illi jigi ppruvat illi l-allegat storbju kien infirex u affetwa ghadd ta' nies u mhux sempliciment zewg persuni.

Fil-kaz odjern, ma ngab l-ebda xhud illi kien fil-pjazz tal-ghassa u allarma ruhu bl-allegat storbju illi holoq l-esponenti – ghax effettivament hadd ma allarma ruhu.

L-esponenti jistaqsi kif jista' qatt jinghad illi l-esponenti bis-semplici argumentar tieghu b'lehen gholi jikser il-kwiet ta' Rita Cortis, Peter Paul Cortis u Daniela Falzon meta l-provi juru illi kienu dawn l-istess tlieta illi kienu qeghdin jaghmlu l-istorbju u konsegwntament ma kienux fil-kwiet? L-esponenti jistaqsi jew kienu fil-kwiet jew ma kienux?

Irrispettivament mit-twegiba illi tinghata ghal dawn iz-zewg mistoqsijiet jibqa' l-fatt illi l-pubbliku in generali ma giex affetwat b'dan l-argumentar gewwa l-ghassa tal-Pulizija u konsegwentament l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt issib lill-appellant hati li kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Il-fatti in breve kienu s-segwenti:

1. Skont dak li jirrizulta mill-affidavit ta' Ps 1021 Christian Cauchi, nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) filghaxija Daniela Falzon kienet marret tirraporta gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tan-Naxxar flimkien ma binta dwar li kienet ghaddejja minn proceduri ta' separazzjoni minn ma' zewga Kurt Falzon u li dak in-nhar innutat li l-bieb tas-serratura tad-dar matrimonjali kien inbidel. Fl-Ghassa huma kienu akkumpanjati mill-genituri tal-kwerelanta u cioe' Peter Paul Cortis u Rita Cortis;

2. PS 1021 ghalhekk ikkuntatja lil Kurt Falzon fejn infurmah dwar ir-rapport li sar fil-konfront tieghu u talbu jaccedi gewwa l-Ghassa tal-Pulizija u ghal habta tad-20:45 dahlu fl-Ghassa tal-Pulizija tan-Naxxar ir-ragel ta' Daniela Falzon u cioe' Kurt Falzon, ommu Simon Falzon u huh l-Avukat tieghu u cioe' l-appellant Dr. Ryan Falzon;

3. PS 1021 Christian Cauchi fl-affidavit tieghu jallega li l-Avukat Dr Ryan Falzon beda jesklama u jobbliga lill-pulizija sabiex izommu t-tifla u jcemplu l-agenzija appogg billi t-tifla cemplet lil missierha u qaltlu li ser toqrod fil-karozza. Huwa allegat li l-appellant indirizza lil Ps 1021 li jekk jonqos milli jaghmel dan kien ser izommu responsabbli u ser jmur jirrapurtaw gewwa d-Depot tal-Pulizija;

4. Mill-istess affidavit ta' PS 1021 Christian Cauchi jirrizulta li PS 1021 prova diversi drabi jikkalma lil Dr Ryan Falzon u sabiex jistenna flimkien ma huh u ommu barra l-Ghassa sakemm tigi mitkellma Daniela Falzon pero beda jinsinwa li l-Ghassa tal-Pulizija hija post pubbliku u fil-pront go l-Ghassa inqalghet kommossjoni bejn Daniela Falzon, ommha Rita Cortis, missierha Peter Paul Cortis mal-avukat tal-kwerelat u cioe' Dr Ryan Falzon u omm Kurt Falzon u cioe' Simone Falzon fejn skont l-istess affidavit, Rita Cortis omm il-kwerelanta hebbet ghal Dr Ryan Falzon fejn fajritlu daqqa ta' harta u ghal din l-azzjoni Simone Falzon taghta daqqa lura f'wiccha.

5. Ps 1021 Christian Cauchi, Pc 300 G. Cachia u Pc 873 D. Attard ikkalmaw is-sitwazzjoni u gew isseparati l-partijiet;

6. L-Ewwel Qorti sabet lill-imputat Ryan Falzon hati talli nhar il-Gimgha is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) ghal habta ta' 20:45hrs gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tan-Naxxar li tinsab gewwa fond 6, Triq iz-Zenqa, Naxxar volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat jew storbju.

7. L-appellant hassu aggravat minn din id-decizjoni u appella minnha.

Permezz tal-appell tieghu, l-appellant jaghmel referenza ghal gurisprudenza dwar l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellant jaghmel referenza ghal provi prodotti u cioe' ix-xhieda u jissottometti li ma setgha qatt jinstab hati ta' din l-imputazzjoni u dan peress li s-sehem tieghu kien li gholla lehnu, fatt ikkonfermat mix-xhieda kollha prodotti, li bl-ebda mod ma gie allegat li l-appellant f'xi hin jew iehor hedded li jkun vjolenti jew addiritura kien vjolenti tant li hu stess gie vjolentat u qalgha daqqa go ghajnejh. Lanqas ma jririzulta li Peter Paul Cortis, Daniela Falzon u Rita Cortis

bezghu u thassbu ghall-inkoluminita taghhom jew tal-proprjeta' taghhom. Minflokk ghazlu li jitkellmu ghal haddiehor u xehdu li l-pulizija u t-tifla kienu mbezzghin pero' dan ma jirrizultax. It-tifla ma ngabitx biex tixhed u l-pulizija wisq anqas xehdu li kienu mbezzghin b'dan is-semplici argumentaw. Jissottometti li jehtieg li ssir distinzjoni bejn il-kwiet tal-publiku b'mod generali u dak ta' persuni specifici, li biex jinstab hati tal-imputazzjoni kien mehtieg li jigi ppruvat li li l-allegat storbju kien infirex u affetwa ghadd ta' nies u mhux sempliciment zewg persuni. Li ma ngab l-ebda xhud li kien fil-pjazz tal-Ghassa u allarma ruhu bl-allegat storbju li holoq l-appellant ghax effettivament hadd ma allarma ruhu. Jistaqsi kif jista' qatt jinghad li l-appellant bis-semplici argumentar tieghu b'lehen gholi jikser il-kwiet ta' Rita Cortis, Peter Paul Cortis u Daniela Falzon meta l-provi juru li kienu dawn l-istess tlieta li kienu qeghdin jaghmlu l-istorbju u konsegwentement ma kienux fil-kwiet. Jistaqsi jekk kienu fil-kwiet jew ma kienux. Jissottometti li irrispettivament ghal dan, jibqa' l-fatt li l-pubbliku in generali ma giex affetwat b'dan l-argumentaw gewwa l-Ghassa tal-Pulizija u konsegwentement l-Ewwel Qorti ma setghet qatt issib lill-appellant hati li kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Din il-Qorti sejra fl-ewwel lok taghmel referenza ghal gurisprudenza rigwardanti l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra li:

'*b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Marianne Abela u Joseph Sant'**[3] gie kkunsidrat li:

'*Kwantu għall-imputazzjoni li l-appellanta volontarjament iddisturbat il-bon ordni u l-paċi pubblika bl-għajat u bil-ġlied, liema imputazzjoni qiegħda tiġi bbażata fuq l-artikolu 352 (bb) tal-Kodiċi Kriminali, għandu jiġi osservat li dan l-artikolu 352 (bb) ġie kostatement interpretat minn din il-Qorti (ara **Pulizija vvs Donald Zahra**, 19 ta' April, 1950 Kollez. Dec. Vol.*

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Lulju, 1984.

*XXXIV-IV-968 u s-sentenzi hemm ċitati) li jikkontempla fatti li jneħħu jew inaqqsu liċ-ċittadin l-opinjoni tas-sikurezza pubbblika jew individali u għalhekk fatti ta' natura ftit u xejn vjolenta, kommessi taħt ċirkostanzi tali li direttament jew indirettament jistgħu jikkonduċu għal reati oħrajn kontra l-persuni u s-sempliċi argumentat b'leħen għoli u xi ftit b'eċitazzjoni ma jikorix il-liġi;'*

Din il-Qorti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Paul Busuttil'**[4] fejn gie kkunsidrat li:

*'Skond ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, dan ir-reat javvera ruħhu meta jkun hemm dak li fil-**common law** Ingliza kien jissejjah 'a breach of the peace'. Din l-ekwiparazzjoni ta' dana r-reat mal-kunċett Ingliż ta' 'a breach of the peace' tirrisali għal żmien Sir Adriano Dingli li proprju f'kawża deċiża minnu fl-10 ta' Gunju, 1890, fl-ismijiet **Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et**., kien qal hekk:*

*'Che il buon ordine e la tranquillita` pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all'autorita` pubblica, sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e` violazione dell'ordine pubblico, indipendentemente dalla perpetrazione di altro reato'(Kollez. Vol. XII, p. 472, 475).*

*A skans ta' hafna repetizzjoni, din il-Qorti tagħmel referenza ghall-ġurisprudenza miġbura fl-artikolu intitolat 'Calleja v. Balzan: Reflections on Public Order' pubblikat fil-Vol. X ta' The Law Journal - Id-Dritt (University of Malta, Autumn 1983) pagna 13 et seq., u speċjalment paġni 28 sa 31. B'żieda ma' dak li hemm f'dak l-artikolu wieħed jista' jgħid li r-reat ta' 'breach of the peace' fil-liġi Skoċċiza jirrikjedi wkoll ċertu element, imqar f'ammont żghir ħafna, ta' allarm. Fi kliem McCall Smith u Sheldon, fil-ktieb tagħhom 'Scots Criminal Law' (Edinburgh, Butterworths, 1992):*

*'The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by courts. In **Ferguson v. Carnochan** (1889) it was said not necessarily to be*

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Gunju, 1994.

*'alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace'. Alarm may now be too strong a term: in* ***Macmillan v. Normand*** *(1989) the offence was committed when abusive language caused 'concern' on the part of policemen at whom it was directed' (p. 192).*

*Naturalment huwa kważi impossibbli li wieħed jiddeċiedi aprioristikament x'jammonta jew x'ma jammontax f'kull każ għar-reat ta' ksur volontarju tal-bon ordni u l-kwiet tal- pubbliku. Kif jgħid awtur ieħor Skoċċiz, Gerald H. Gordon, fit-test awtorevoli tiegħu 'The Criminal Law of Scotland' (Edinburgh, 1978):*

*'Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application' (p. 985, para. 41-01).*

*U aktar 'il quddiem l-istess awtur jgħid:*

*'.... Although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone, such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead to actual disturbance' (p. 986, para. 41-01).*

*4. Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bħala regola, jkun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-inkoluminita' fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil;'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Spiridione Żammit) vs Vincent Sacco'**[5] gie kkunsidrat li:

*'Kwantu għar-reati kontravvenzjonali imsemmi fit-tielet imputazzjoni u ċjoe dik kontemplata fl-*

[5] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-2 ta' Frar, 2015.

*Artikolu **338(dd)** tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti tqis li mill-provi prodotti l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx sal-grad rikjest mill-Liġi l-elementi tar-reat de quo. Iċ-ċirkostanzi li fihom jista' jew ma jistax jiġi integrat ir-reat tal-ksur tal-bon-ordni jew il-kwiet tal- pubbliku ġew illustrati mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tad- 19 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Maria Concetta Green' (Volum LXXXIII Part IV paġna 441):*

*L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir- reat ġew eżaminati funditus f'diversi sentenzi u ġie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għamil iseħħ inissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għamil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil. L-iskambju ta' kliem, anke jekk inġurjuż jew minaċċjuż fih innifsu u mingħajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jiżviluppa fih, jew iwassal għal, xi ħaġa oħra u aktar serja (bħal ġlied bl-idejn jew ħsara fil-propjeta') ma jammontax għall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Silvio Valletta) kontra Joseph Spiteri'**[6] gie kkunsidrat li:

*'Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bhala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) tal-Art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' propjeta', kemm b'risultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. Naturalment dawn ic-cirkostanzi iridu jkunu tali li oggettivament inisslu l-imsemmi inkwiet jew thassib. Ghemil fih innifsu innocenti u perfettament legittimu, bhalma hu l-ghemil ta' tfal jilghabu f'bitha qabel, bejn jew wara l-lezzjonijiet tad-duttrina ma jistax oggettivament inissel tali inkwiet jew thassib. Jista' jammonta*

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Mejju, 1996. (Appell numru: 178/95)

*ghal inkonvenjent, u anke inkonvenjent serju ghal xi individwu, pero' tali inkonvenjent ma huwiex kolpit bl-Artikolu 338(bb) in dizamina.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Charles Micallef) kontra Alfred Pisani'**[7] gie kkunsidrat:

*'Kwantu ghall-paragrafu (dd), skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, dan ir-reat javvera ruhhu meta jkun hemm dak li fil-common law Ingliza kien jissejah "a breach of the peace". Kif gie spjegat fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Gunju, 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Paul Busuttil, bhala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) tal-Art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' propjeta', kemm b'risultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil (ara wkoll, Il-Pulizija v. Lawrence Scicluna, 18/11/94, u Il-Pulizija v. Nicholas Debono, 30/9/94, it-tnejn decizzjonijiet ta' din il-Qorti).'*

Fis-sentenza deciza ricentement minn din il-Qorti kif preseduta fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Johann J. Fenech) Vs Joseph Vella)**[8]' gie kkunsidrat li:

*'Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi ghalkemm kien hemm skambju ta' kliem bejn l- imputat appellant u l-parti leza u ghalkemm it-tnejn li huma wiegbu lil xulxin, madanakollu ma jidhirx illi kien hemm il-breach of the peace kif trid il-ligi tant illi ma jidhirx illi f'dak il-hin kien hemm xi nies ohra fil-vicinanzi jew inkella li l-istorbju bejn dawn in-nies gieghel lil xi nies johorgu minn djarhom jew javvicinaw l-ekwati. Ghalhekk din l-akkzua mhux provata.'*

Skont dak li jirrizulta mill-affidvit ta' Ps 1021 Christian Cauchi a fol 2 et sequitur tal-process, fost fatti ohra dwar l-involviment tal-appellant spjega li '*ghall-habta tad-20:45hrs dahlu prezenti gewwa l-ghassa tal-Pulizija tan-Naxxar ir-ragel taghha Kurt Falzon, ommu Simone Falzon u huh li hu l-avukat tieghu u cioe' Ryan Falzon, detentur tal-karta tal-Identita'*

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Mejju, 1995 (Appell numru: 228/94).
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Dicembru, 2019 (Appell numru: 26/2019).

*247586(M), li dak il-hin* ***<u>beda jesklama u jobbliga lill-Pulizija sabiex izommu t-tifla u jcemplu l-agenzija appogg</u>*** *billi it-tifla Chloe Falzon kienet cemplet lil missierha u indikatlu li kienet ser torqod fil-karozza kif wkoll beda* ***<u>jindirizza lili Ps 1021 li jekk nonqos milli naghmel dan kien ser izzommni responsabli u ser jmur jirrapurtani gewwa d-depot tal-Pulizija</u>***.' Iddikjara ukoll li '*F'dak il-mument, Ps 1021* ***<u>bdejt ghal diversi drabi nipprova nikkalma lil Ryan Falzon</u>*** *u sabiex jistenna flimkien ma huh u ommu barra l-ghassa sakemm tigi mitkellma Daniela Falzon pero' hu beda jinsinwa li l-ghassa tal-Pulizija hija post pubbliku u fil-pront go l-ghassa inqalghet kommossjoni bejn Daniela Falzon, ommha Rita Cortis, missierha Peter Paul Cortis mal-avvukat tal-kwerelat u cioe' Dr Ryan Falzon LL.D, detentur tal-karta tal-Identita' 0247586M li hu hu il-kwerelat u omm Kurt Falzon u cioe' Simone Falzon detentrici tal-karta tal-identita' 198965(M) peress li dak il-hin omm il-kwerelanta Rita Cortis b'sens ta' agitazzjoni li kellha fuqha qabdet u mxiet ghal direzzjoni ta' Ryan Falzon u hebbet ghalih billi fajritlu daqqa ta' harta u li ghal din l-azzjoni Simone Falzon irreagixxiet billi taghta daqqa lura f'wiccha, fejn attwalment wara jiena Ps 1021, Pc 300 u Pc 873 li kienu dettaljati xoghol mieghi fid-data ta' dan l-incident, irnexxielna nikkalmaw is-sitwazzjoni u b'hekk gew isseparati il-partijiet involuti sabiex b'hekk jigi evitat kwalunke incident.*'

PC 873 D. Attard permezz ta' affidavit li tinsab a fol 10 iddikjara li Ryan Falzon ***'beda jghajjat u jobbligana sabiex incemplu l-agenzija appogg u beda jghid lil Ps 1021 li jekk jonqos milli jaghmel dan kien ser izommu responsabbli u jmur jirrapurtah gewwa d-depot tal-Pulizija****. Ps 1021 beda ghal diversi drabi jipprova jikkalma lil Ryan Falzon u jghidlu sabiex jistenna flimkien ma huh u ommu barra l-ghassa sakemm tigi mitkellma Daniela Falzon pero dawn baqaw gewwa u fil-pront inqalghet kommossjoni bejn Daniela Falzon, ommha Rita cortis, missierha Peter Paul Cortis mal-avukat tal-kwerelat u cioe' Dr Ryan Falzon...*' kif ukoll omm Kurt falzon u cioe' Simone falzon u Rita Cortis omm il-kwerelanta li '*mxiet ghad-direzzjoni ta' Ryan Falzon fajritlu daqqa ta' harta u li ghal din l-azzjoni Simone Falzon irreagixxiet billi taghta daqqa lura f'wiccha, fejn dak il-hin jien Pc 873, Ps 1021 u Pc 300 irnexxielna nikkalmaw is-sitwazzjoni u b'hekk gew isseparati il-partijiet involuti sabiex b'hekk jigi evitat kwalunke incident*.'

Pc 300 G. Cachia ukoll xehed permezz tal-procedura tal-affidavit, liema affidavit tinsab a fol 11 et sequitur. Huwa fost fatti ohra, iddikjara li '*F'dan il-hin Ryan Falzon beda jobbliga lill-pulizija sabiex icemplu lil agenzija appogg minhabba li t-tifla Chloe Falzon kienet cemplet lil missierha u qaltlu li kienet ser torqod fil-karozza. F'dan il-mument Ryan beda wkoll jghid li jekk Daniela titlaq minn gewwa l-ghassa bit-tifla kien ha jzomm lill-pulizija prezenti gewwa l-ghassa tan-Naxxar responsablu kif ukoll kien ha jmur jirraporta gewwa d-depot tal-Pulizija.*

*Hawnekk s-surgent 1021 beda jipprova jikkalma lil Ryan Falzon u jghidlu biex jistenna barra l-ghassa ma ommu Simone Falzon u huh Kurt Falzon sakemm tigi mitkellma Daniela. F'dan il-mument inqaghet kommosjoni bejn Daniela Falzon, Ommha Rita Cortis, missierha Peter Paul Cortis mal-avukat tal-kwerelant Dr. Ryan Falzon LL.D. Dan gara minhabba li omm il-kwerelanta gifieri Rita Cortis mxiet lejn id-direzzjoni ta' Ryan Falzon u hebbet ghalih billi fajritlu daqqa ta' harta, ghal din l-azzjoni Simone Falzon irreagixxit billi taghta daqqa lura f'wicca.*' Spjega ukoll li '*F'dan il-mument il-pulizija li kienu prezenti gewwa l-ghassa tan-naxxar gifieri PS1021, PC300 u PC873 irnexxilom jikkalmaw is-sitwazzjoni fejn gew isseparati il-partijiet involuti sabiex b'hekk jigi evitat kwalunkwe incident iehor. Kurt Falzon, Ryan Falzon u Simone Falzon hargu barra l-ghassa.*'

Fir-rapport tal-Pulizija immarkat bhala Dok NS2 esebit fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Kurt Falzon' gie imnizzel li l-imputat '*dak il-hin beda jesklama u jobbliga lill-Pulizija sabiex icemplu l-agenzija appogg billi it-tifla Chloe Falzon kienet cemplet lil missierha u indikatlu li kienet ser torqod fil-karozza kif wkoll beda jindirizza lil Ps 1021 li jekk jonqos milli jaghmel dan kien ser izommu responsabbli u jmur jirrapurtah gewwa d-depot tal-Pulizija.*' Tnizzel li '*F'dak il-mument, Ps 1021 beda ghal diversi drabi jipprova jikkalma lil Ryan Falzon sabiex jikkalma u jistenna flimkien ma huh u ommu barra l-ghassa sakemm tigi mitkellma Daniela Falzon madankollu fil-pront inqalghet kommossjoni bejn Daniela Falzon, ommha Rita Cortis, missierha Peter Paul Cortis mal-avukat tal-kwerelat u cioe' Dr Ryan Falzon LL.D, detentur tal-karta tal-Identita' 0247586M li hu hu il-kwerat u omm Kurt Falzon u cioe' Simone Falzon,detentrici tal-karta tal-Identita' 198965(M) peress li dak il-hin omm il-kwerelanta Rita*

*Cortis b'sens ta' agitazzjoni li kellha fuqha qabdet u mxiet ghal direzzjoni ta' Ryan Falzon u hebbet ghalih billi fajritlu daqqa ta' harta u li ghal din l-azzjoni Simone Falzon irreagixxiet billi taghta daqqa lura f'wiccha, fejn attwalment il-Pulizija distrettwali tal-ghassa tal-Pulizija tan-Naxxar u cioe' Ps 1021, Pc 300 u Pc 873 irnexxielhom jikkalmaw is-sitwazzjoni u b'hekk gew isseparati il-partijiet involuti sabiex b'hekk jigi evitat kwalunke incident.'*

**Daniela Falzon** fis-seduta tat-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) dwar dan l-incident xehdet li '*Dr. Ryan Falzon beda jehded lill-Pulizija u jobblighom biex izzommu lit-tifla. It-tifla dak il-hin kienet fuqi. **Kienet imbezgha**.*' Il-Puliizja pruvaw '*Jikkalmawh u jghidilhom stenna barra u ma riedx johrog jistenna barra sakemm inkompli r-rapport tieghi u nlestu u mbaghad ikomplu huma. Baqa' jghajjat gol-Ghassa. Baqa jipponta subbajh lejha u lejn biniti u Dr. Ryan Falzon beda jghidilna "Issa nzommilek it-tifla' u beda jobbliga lil PS 1021 biex, eh jcempel lill-Appogg u jehduli t-tifla.*' Spjegat li t-tifla kienet imwerwra dak il-hin. Spjegat li '*Bqajt inzommha fuqi mbaghad il-pulizija cemplu ukoll lill-Pulizija ta' Birkirkara biex jitilghu u ezatt kif kien qieghed jipponta subghajh lejha ovjament ommi, mother instinct harget minn gol-kamra u imbuttatu biex ma jehodlix it-tifla minn fuqi. Dak il-hin*' Ikkonfermat li Dr Falzon gie biex jiehu t-tifla minn fuqha, li resaq wisq lejha u li l-Pulizija pruvaw izommuh. Tghid li gew il-Pulizija minn Birkirkara u hargu lil Dr. Ryan Falzon, lil Simone Falzon u lil Kurt Falzon barra mbghad harguhom bl-iskorta sakemm dahlet fil-karozza. Meta semghathom gejjin kollha, qamet bl-wieqfa bit-tifla fuqha u qadet wara PS 1021. Meta beda jghid li ha jehdolha t-tifla lill-Agenzija Appogg lehnu '*kien qed jaghmilha b'tehdida*' u kien gholi, bl-ghajjat. Mistoqsija kif hassitha wiegbet '*Dak il-hin hu, hassejtni mhedda. Hassejtni li ha johduli t-tifla.*'[9] Meta harget mill-Ghassa Simone Falzon, Kurt Falzon u Ryan Falzon kienu fuq bank, ghadhom qeghdin jghajtu jigifieri mal-Pulizija. Bdew jghajtu izda ma ghandhiex idea xi bdew jghidu. Ma tafx lil min kien indirizzat dan l-ghajjat, tghid li lil Pulizija tissoponi. Insulti lejha ma tiftakarx. In kontro-ezami spegat li Dr Ryan Falzon qal li ha jcempel lil Kwartieri, il-

[9] Fit-traskrizzjoni ta' din ix-xhieda, senjatament a fol 45 hemm imnizzel '*Dr. Anne Marie mangion: Tajjeb. Inti kif hassejtek? Dak il-hin hu, hassejtni mhedda. Hassejtni li ha johduli t-tifla.*' Din il-Qorti ghalhekk qieghda tifhem li Daniela Falzon ghal mistoqsija ta' kif hassitha wiegbet '*Dak il-hin hu, hassejtni mhedda. Hassejtni li ha johduli t-tifla.*'

headquarters jirraporta lil Ps 1021. Hi sostniet li Dr Ryan Falzon kien qed jiprova jiehdilha t-tifla.

Peter Paul Cortis, missier Daniela Cortis fl-istess seduta spjega li Ryan Falzon beda jipponta lis-Surgent, dik theddida skontu. Jghid li Daniela kienet bilqieghda bit-tifla fuqha. X'hin dahlu kellha tqum u t-tifla baqghet izzomilha idejha bil-wieqfa. Jghid li dahlu rrabjati '*Ghax qal it-tifla ma ghandix fejn torqod sewwa? Cemplu fejn tal-Appogg ghax ma ghandix fejn torqod. Ma ghandix fejn inqieghda t-tifla jiena.*' Umbghad tefawhom barra u baqghet taghmel ir-rapport u hargu barra b'referenza ghal ohrajn u cioe' l-appellant, ommu u huh. Jghid li dan kien sentejn ilu u ghadda min trauma u waqfet qalbu. Eskortawhom il-Pulizija u Ryan Falzon beda jghajjat fit-triq. Jghid li il-Pulizija bezghu minn Ryan Falzon, fil-fehmu tieghu huwa hekk ihoss. Rita Cortis li xehdet fl-istess seduta dwar dan l-incident spjegat li '*Dahal Dr Ryan Falzon quddiem nett, dahlet ommu warajh, Kurt qaghad lura kemm setgha laqas biss tkellem. Dan Ryan Falzon **<u>dahal b'rawa kbir, jghajjat gol-Ghassa,</u>** beda jghidilhom, jehded*' Spjegat li '*Beda jghidlu lis-Surgent cempel lill-Appogg halli t-tifla jehduha tal-Appogg ghax ma ghandix fejn toqghod.*' Tghid li ma felhitx '*Ghax bdejt nara lil Ryan Falzon jipponta subghajh lejn it-tifla tieghi, biex kwazi johdilha lit-tilfa.*' Ghalhekk marret timbuttah '*U tajtu daqqa ta' harta. Imbuttajtu.*' In-neputija kienet f'idejn ommha imhaddna. It-tifla kienet imwerwra ghax l-affarijiet rathom b'ghajnejha stess it-tifla ukoll. Tikkonferma li ratu jersaq qrib it-tifla u jipponta subghajh u hasset li ghandha timbuttah. Mistoqsija jekk Simone Falzon u Ryan Falzon qalu xi kliem, qalet li bdew jghajtu u jghidu certu kliem izda nesiet. Is-Surgent beda jghidilhom biex johorgu l-barra u kwazi kwazi harguhom il-barra. Imbaghad gew il-Pulizija, cemplu izjed Pulizija minn Birkirkara ghax raw li s-sitwazzjoni qed tigrava. Meta hargu barra kien hemm Dr Ryan Falzon izda xorta baqghu jghajtu u jghidulhom certu kliem izda nesiet xi bdew jghidu. In kontroezami baqghet tinsisti li imbuttatu lil Dr Ryan Falzon ghalkemm is-Surgent 1021 u Pulizija 873 qalu li taghtu daqqa ta' harta. Tghid li Simone Falzon taghta daqqa u tajritilha n-nuccali minn fuq rasha. Tghid ukoll li lil Simone ma missietiex.

**L-appellant Dr Ryan Falzon** ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) fejn wara li spjega dak li t-tifla ta' huh qalet lil huha f'telefonata, issugerilhom li jmorru l-Ghassa, kif kienu qed isuqu ghall-Ghassa '*incempel Pulizija, qabduni ma' tal-Appogg, spjegajtilhom x'gara, qabduni ma tal-Appogg u qaluli speci ta' trid tkellem, eh, is-Surgent tal-Ghassa imbaghad fis-sens nassessjaw, nassesjaw is-sitwazzjoni mieghu*.' Marru l-Ghassa tan-Naxxar, dahal hu u huh u ommu warajhom u '*qedtilhom joqoghdu barra ghax ezatt kif irfist l-ghatba nsib lis-Sinjuri kollha qeghdin hemm.*' U cioe' lil Daniela u n-nanniet is-Sinjuri Cortis. Daniela kienet bit-tifla fuqha fuq is-siggu jassumi li qed taghmel rapport. Spjega li '*dhalt inkellem lis-Surgent speci ta' biex nispjegalu x'gara. Lanqas ilhaqt ftaht halqi igifieri-xeba ghajjat igifieri mis-Sinjuri Cortis u minn Daniela.*' Xehed li '*Is-Surgent dak il-hin qalli stenna barra. Jiena dak il-hin qedtlu nistenna barra mbasta qabel titlaq it-tifla minn haw, em jiena cempilt, il-Pulizija qaluli li trid tigu mitkellma minn tal-Appogg. Baqa' jinsisti li nitlaq il-barra u minhabba l-ghajjat li kien hemm.*' Spjega li '*sakemm qed inkellem, sakemm qed inkellem eh, is-Surgent f'dak l-ghajjat kollu tigi s-Sinjura Cortis (Rita) minn naha tax-xelug u tfajjarli daqqa (mhix ta' harta kif qieghda fuq l-affidavit Sinjura) id-daqqa kienet b'haw, ma nafx x'jghidulu imma kienet daqqa hekk.*' Bl-ghadma tal-pala tal-id. Jghid li ekwivalenti ghal daqqa ta' ponn ghax ghajnejh xorta benglitilu u ghamel gimgha l-Qorti jigri b'ghajnejh sewda Dak il-hin baqa ixxukjat, qatt ma refa idu fuq hadd. Kien hemm ommu warajh u imbuttata ghax kieku kienet tibqa taghtih. Hi regghet taghtilha '*u qassmitilha xuftejha jew mhux qassmitilha xufftejha - bdejt nara-demm hiereg minn halqha.*' jigifieri Rita taghta daqqa lil ommu. Safrattant kienu ghadhom bil-qieghda l-pulizija u qamu tlett Pulizija ''*tigi Daniela bit-tifla f'idejha u tarma ttini bis-sieq. Qlajt daqtejn ta' sieq ohra safratant.*' Qamu l-Pulizija u ferqu lil kulhadd u baqghu hiergin barra u huma u hiergin is-Sur Cortis ghajru '*bicca tal-art*' u '*s-Sinjura bdiet theddidna li mhux ser norqdu d-dar illejla u issa tara x'inhu gej ghalikhom u hafna diskors minn dan.*' Jghid li '*harguhom eskortati bhal li kieku ahna konna l-aggressuri*'. In kontro-ezami qal li ma jistax ikun li ntqal diskors barra l-Ghassa, li kwalunkwe diskors sar gewwa. Spjega li '*li kont irrabjat ma tistax tghidli li kont irrabjat. Kulhadd kien irrabjat f'din is-sitwazzjoni kollega. Irrabjat iktar milli kelli nkun ma kontx. Kont*

*kalm. Dawn l-affarijiet imdorri ghalihom f'xogholi. L-unika haga li kien hemm, li taghat lok ghal dak li gara hija li ovjament l-klijenti tieghek malli dhalt ghamlu l-ghassa taghhom u bdew jghiduli itlaq il-barra u titkellimx u hekk igifieri.*' Spjega li '*Il-Pulizija bdejt inkellimhom, bdejt ngholli lehni biex naddatah ghas-sitwazzjoni.*' Jghid li '*Kont qieghed hemm ovjament dak il-hin bhala Avukat Sinjura igifieri.*' Jghid li '*ghax dak il-hin kien hemm l-istorbju igifieri ma ghajjatx iktar. Ma dhaltx hemm sibt il-kwiet u ghajjajt igifieri ehe jekk ghajjat, ghollejt lehni ghax dak il-hin kien hemm l-istorbju.*' Jghid li '*Jiena, fl-ebda moment ma kellimthom lis-Sinjuri , Sinjura. Aparti l-fatt li d-diskursata li kelli mall-Pulizija damet ftit sekondi. Anqas nahseb damet minuta.*' Mistoqsi jekk anke wara li laqghat id-daqqiet wiegeb '*U le daw affarijiet li graw mall-ewwel igifieri. Il-Pulizija orajt, irrabjat ghalihom ghax baqghu bilqieghda imma meta wiehed jahsibha din grat, ma damitx, ma domnix xi kwarta hemm gew. Igifieri, jiena fl-ebda hin anqas illum ma nkellhom ahseb u ara kemm ha nkellimhom dak il-hin. Li kelli nghid qedtu lill-Pulizija.*'

L-Ewwel Qorti qieset li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li kien hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, nissel minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilta' ta' reazjoni ghal dak l-ghemil. L-appellant jissottometti li Daniela Falzon naqset li tghid ghala t-tifla kienet imbezza u li t-tifla baqghet qatt ma xehdet, u li konsegwentement dak li xehdet Daniela Falzon f'dan ir-rigward mhux prova ammissibli. Jghid li kien hemm xi waqtiet fejn dan gholla lehnu u dan sar stante li kien hemm l-istorbju u biex jinftiehem dan ma kellux alternattiva ghajr li jaghmel dan. Dwar dak li xehdet Daniela Falzon, din il-Qorti tqis li mhuwiex bizzejjed li Daniela Falzon u Rita Cortis jghid li t-tifla kienet imbezza, kellu jigi ppruvat dwar xiex kienet qieghda tibza t-tifla u cioe' jekk l-agir tal-appellant kienx tali li nissel minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohhha dwar l-inkolumita' fiziku ta' persuna jew ta' proprjeta. In oltre', din il-Qorti ma taqbilx li l-appellant ma kellux triq ohra ghajr li jgholli lehnu, jirrizulta mill-atti li l-appellant mal-ewwel dahal b'certu rabja

u attidudni fl-Ghassa tal-Pulizija. Din il-Qorti trid tqis izda jekk jirrizultax li persuna jew aktar bezghet u thassbet ghall-inkolumita' taghhom jew tal-proprjeta' taghhom. L-appellant jissottometti li l-Pulizija ma xehdux li kienu mbezzghin b'dan is-semplici argumentar. L-apppellant jissottometti li sabiex wiehed jinstab hati tal-imputazzjoni migjuba kontra l-appellant, kien mehtieg li jigi ppruvat li l-allegat storbju kien infirex u affetwa ghadd ta' nies u mhux sempliciment zewg persuni. L-appellant jissottometti li ma ngab l-ebda xhud li kien fil-pjazz tal-ghassa u allarma ruhu bl-allegat storbju li holoq l-appellant ghax effettivament hadd ma allarma ruhu. L-appellant jistaqsi kif bis-semplici argumentar tieghu b'lehen gholi kiser il-kwiet ta' Rita Cortis, Peter Paul Cortis u Daniela Cortis meta l-provi juru li kien dawn l-istess tlieta li kienu qeghdin jaghmlu l-istorbju u konsegwentement ma kienux fil-kwiet. L-appellant jistaqsi kienux fil-kwiet u jghid li irrispettivament minn dan, jibqa' l-fatt li l-pubbliku in generali ma giex affetwat b'dan l-argumentar gewwa l-ghassa tal-Pulizija u li konsegwentement il-Qorti ma setghetx issib ksur tal-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Din il-Qorti tqis li jirrizulta li kien wara li l-appellant dahal jghajjat fl-Ghassa tal-Pulizija li s-sitwazzjoni eskalat bil-mod deskritt mill-Pulizija li xehdu permezz tal-affidavit. In oltre' din il-Qorti zzid li huwa bizzejjed li persuna wahda kellha minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohha dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta' ma hemmx bzonn li l-pubbliku in generali jew nies li ma kienux direttament involuti fl-argument ihossuhom allarmati. F'dan il-kaz partikolari l-Pulizija fl-affidavit taghhom jiddeskrivu dak li sehh fl-Ghassa u ma jsemmu xejn dwar dak li sehh barra l-Ghassa u stante li l-imputazzjoni tirrigwarda dak li sehh gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, din il-Qorti sejra tillimita ruhha ghal provi li jirrigwardaw dak li sehh gewwa u mhux barra l-Ghassa. Daniela Falzon u Rita Cortis jaghtu x'jifhmu li l-appellant beda jghajjat u jordna lill-Pulizija sabiex tigi kkuntatjata l-Agenzija Appogg biex tittiehed it-tifla, dawn iz-zewg xhieda jaghtu x'jifhmu li l-appellant kien qieghed jipponta filwaqt li kien sejjer fid-direzzjoni ta' Daniela Falzon biex skonthom jiehu t-tifla. Daniela Falzon tghid li hassitha mhedda li se jiehdulha t-tifla. Jirrizulta mill-affidavits tal-Pulizija u mix-xhieda

prodotti li l-appellant beda jhedded li jirraporta lil Ps 1021 jekk jonqos milli jaghmel dak mitlub lilu. Din il-Qorti izda tistaqsi jekk dan jammmontax ghal thassib fl-inkolumita' ta' proprjeta' jew dik fizika.

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija Vs Caroline Sammut'</u>**[10] gie kkunsidrat li:

*'Illi ghal dak li jikkoncerna l-imputazzjoni dwar il-ksur tal- bon odni u l-paci pubblika gie mghallem mill-gurisprudenza illi*

***"Ghall-fini tar-reat tal-ksur ta' l-ordni pubbliku mhux bizzejjed il-livell u l-ghajat li jiddisturba lic-cittadin fl-okkupazzjoni ordinarja tieghu. Jehtieg li jkun hemm apprensjoni jew allarm fil-pubbliku." – Il-Pulizija vs Vincent Petroni – App. Inf – 20/05/1993***

***<u>Issa huwa ben assodat f'dan il-kaz illi l-incident sehh gewwa ghassa tal-pulizija post fejn ic-cittadin jirrikorri sabiex jigi imrazzan il-ksur tal-ordni pubblika. L-ghemil tal-appellanti ghalhekk ma seta qatt iwassal sabiex ikun hemm dak it-thassib jew biza dwar l-inkoluminita fizika tal-persuna jew tal-propjeta', tant illi hekk kif kien hemm imqar minimu ta' reazzjoni ghall-ghemil ta' dawn in-nies li kienu involuti f'argument, il-pulizija prezenti gewwa l-ghassa razznu din l-imgieba minnufih</u>***. *Di piu ma jidhirx illi l-appellanti kienet qed taghmel xi storbju permezz ta' ghajjat jew glied ghaliex il-pulizija stess jishqu illi kull ma ghamlet kien li ghaddiet il-kummenti fil-konfront ta' Bonnici fejn fost ohrajn uzat il-kelma "pulcinell". Il-pulizija jidher li kellhom jintervjenu biss meta Bonnici hebb ghaliha f'nofs l-argumenti li kienu ghaddejjin bejn il-membri kollha ta' din il-familja prezenti gewwa l-ghassa tal- pulizija. Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi l-fatti imputati lill-appellanti ma jinkwadrawx ruhhom minimament fl-elementi legali mehtiega ghal sejbien ta' htija ghal din il-kontravvenzjoni.'* (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti)

Din il-Qorti ghalhekk tqis li l-agir tal-appellant kien f'dak li bl-Ingliz nghidulu '*out of proportion*' tenut kont li ghalkemm l-appellant huwa hu Kurt Falzon huwa kien qieghed

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Jannar, 2016 (Appell numru: 123/2015)

jagixxi fil-vesti ta' Avukat u ghalhekk l-agir tieghu mar oltre dak mistenni minn Avukat u ma kienx semplicment kaz fejn persuna gholliet lehinha, tant li l-Pulizija iddikjaraw li Ps 1021 prova jikkalmah diversi drabi. Jirrizulta li f'xi istanti l-appellant naqas milli jobdi l-ordnijiet tal-Pulizija u cioe' meta mitlub biex johrog jistenna barra l-Ghassa flimkien ma' ommu u huh. Jirrizulta ukoll li l-appellant setgha fixkel lil Pulizija f'xoghlhom fejn anke tefa certu pressjoni fuqhom biex jaghmlu dak li kien qieghed jitlob hu u cioe' li jikkuntatjaw l-Agenzija Appogg u fejn anke qalilhom li kien jirraporta lil Ps 1021 jekk jonqos milli jaghmel dan u li anke kien ser izommhom responsabbli, izda din il-Qorti quddiemha ma ghandhiex imputazzjoni dwar tfixkil f'xoghol il-Pulizija u lanqas dwar li l-appellant naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija izda l-appellant gie akkuzat li kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u storbju.

Din il-Qorti tqis li ghalkemm jirrizulta li l-appellant gholla lehnu u l-agir tieghu setgha dejjaq lil persuni prezenti specjalment lil Daniela Falzon meta beda jordna lil Pulizija sabiex jaghmlu kuntatt mal-Agenzija Appogg u in oltre minn dak li jirrizulta mill-affidavits tal-Pulizija fosthom ta' Ps 1021 Christian Cauchi '*Cortis b'sens ta' agitazzjoni li kellha fuqha qabdet u mxiet ghal direzzjoni ta' Ryan Falzon u hebbet ghalih billi fajritlu daqqa ta' harta u li ghal din l-azzjoni Simone Falzon irreagixxiet billi taghta daqqa lura f'wiccha*' u ghalhekk inqalghet kommossjoni, baqa' ma giex ippruvat li l-agir tal-appellant nissel biza li se tintuza vjolenza kontra l-inkolumita' fizika jew tal-proprjeta' ta' dawk prezenti fl-Ghassa tal-Pulizija u lanqas ma jirrizulta li terzi persuni hassewhom imbezza li se ssir hsara lilhom jew lil propjeta' taghhom b'dan l-agir.

Din il-Qorti minkejja li qieghda ssib li l-imputazzjoni migjuba kontra l-appellant ma tirrizultax, ma tistax ma tirrimarkax li professjonisti bhal Avukati ghandhom ikunu ferm attenti meta jaghzlu biex jippatrocinaw familjari u dan sabiex ma jhallux l-emozzjonijiet ifixxkilhom f'xoghlhom bir-rizultat li jmorru oltre' dak mistenni minnhom u f'certu kazijiet b'agir kontravenzjonali.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell ghar-ragunijiet ikkunsidrati f'din is-sentenza, tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull htija u piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur